

# Sfumar tad-Drappijiet tal-Festi

Viva l-festa tagħna! Kollha kemm aħna għandna l-festa fir-raħal tagħna u kemm nagħmlu festa sabiħa! Il-Festa tirrekkjedi ħafna xogħol u ħafna nies jaħdmu qatiegħ biex il-festa tagħna tkun l-aqwa u l-isbaħ. Ħafna minn dawn id-dilettanti tal-festa jgħidu li d-"Drapp jagħmel il-festa". Tafu xi jridu jfissru biha din il-ħaġa? Ifisser li l-bnadar, il-bandalori kif ukoll il-pavaljuni joħolqu ħafna l-ambjent tal-festa. Però naħseb li ġieli li nnutajtu li d-drapp ta' dawn l-affarijiet ma humiex sempliċiment biss huma biċċa ċarruta imma wkoll fihom ikollhom pittura tal-patrun jew patruna u wkoll diversi disinni. Xi ġmiel ta' disinni!

U biex joħroġ aktar il-ġmiel ta' dawn id-disinni dawn jiġu sfumati. Sfumat ifisser li jiġi mpitter sinjal fl-iskur jew fil-griż biex jagħti deħra tridimensjonali, qisha ta' vera! Dawn id-disinni jistgħu jinkludu wkoll armi.

Huwa d-dettall li jagħmel dawn id-drappijiet sbieħ u d-dettall ħafna drabi jiġi mill-imħabba li dawn in-nies juru fis-sengħa tagħhom kif ukoll l-imħabba tagħhom lejn il-festa tal-Patrun!

kultura

# Aghti l-kulur



kultura